## IL-MILIED

*Ta'* C. Cassar

Tkaxkar is-serp mas-siġra
U ġismu serraħ qalb il-frott sabiħ,
Hajjar lill-ewwel mara
Biex taqta' u tiekol u lil żewġha ttih.

Tpaxxew għajnejha jħarsu,
U t-togħma ħasset fuq ilsienha għaslija;
L-amar ċaħdet u kisret,
Hasset ma' l-għera ta' ġisimha l-ħtija.

Ir-ruħ tan-nisel tagħha
Minn dak il-ħin saret bid-dnub imtabbgħa,
U feġġet l-ewwel wegħda:
Alla jsir bniedem, għat-tixrid ta' mħabba.

Imbierek int, ja David,
Li għannejt lill-Mulej l-isbaħ foħrija;
Minn nislek ħarġet fergħa,
Li saret omm u wildet lill-Messija.

Imbierka int, ja Sijon,
Ja belt imqaddsa ta' foħrija u sebħ,
Fik isseħħet il-wegħda,
Fik sar twelid li xerred ħajja u rebħ.

Imbierka lejla kiesħa
Fl-eqqel tax-xitwa taħt il-għata u s-sried;
Imbierek għar imrewwaħ,
Għaliex għajnejkom raw l-ewwel Milied.

## ERRATA-CORRIGE

Fil-ħarġa ta' "Il-Malti" ta' Marzu, 1960, paġna 26, fil-poeżija "Lill-Mużika Melankonika", fl-ewwel vers ta' l-aħħar strofa, il-kelma "twal" għandha tinqara "tqal".